MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 405/2007

**Carmel sive Charles Gruppetta (ID178247M), Gemma Gruppetta (ID755849M) Gordon Axiak (ID379175M), Ingrid Axiaq (ID406577M), Johan Agius (ID233974M) u Fabianne Agius (ID291074M)**

***kontra***

**Paul Azzopardi u b`digriet ta` l-4 ta` Mejju 2007 l-isem Paul Azzopardi gie sostitwit b`Paparukei Catering Limited C8325**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors mahluf prezentat fil-11 ta` April 2007 li jaqra hekk–

*1. Illi l-esponenti jghixu fi blokk ta` appartamenti li jgib in-numru 160, The Strand, Gzira u l-intimat jiggestixxi n-negozju maghruf bhala Paparoukei Confectionery fi Triq Patrick Stuart Gzira ;*

*2. Illi dan il-blokk bini tar-rikorrenti u l-istabbiliment tal-intimat prattikament imissu, minn fuq il-parti ta` wara tal-bini, u kull ma hemm x`jifridhom huma l-btiehi tal-istess binja ;*

*3. Illi mill-istabbilment tal-intimat johorgu hsejjes irritanti u eccessivi b`mod li jdejjqu lir-rikorrenti ghax huma hsejjes kontinwi u partikolarment mal-lejl u kmieni filghodu jiddisturbaw serjament l-ambjent ta` madwaru ;*

*4. Illi r-rikorrenti gharrfu b`dan lill-intimat izda dan injorahom, biex ma jinghadx li sfidhom ghax ma ghamel xejn biex itejjeb is-sitwazzjoni ;*

*5. Illi r-rikorrenti ghamel numru ta` rapporti mal-ghassa tal-pulizija ta` tas-Sliema, diversi drabi, u gew istitwiti zewg kawzi kontra l-intimat quddiem il-Qorti ta` Gudikatura Kriminali u dan instab hati li qed idejjaq lill-girien ;*

*6. Illi l-istess Qorti Kriminali, kif tajjeb ghamlet, hatret espert li acceda fuq il-post in kwistjoni sabiex jara jekk l-ilment tar-rikorrenti kienx gustifikat u l-istess espert imqabbad mill-Qorti mar kemm ghand l-intimat kif ukoll ghand ir-rikorrenti u kejjel il-hsejjes li jemanaw mill-istabbiliment tal-intimat u kkonkluda illi "waqt li l-makkinarju tal-freezers ikun qieghed jigi mhaddem gewwa*

*l-Paparukei Confectionery instabu li l-hsejjes huma eccessivi u b`hekk qeghdin jammontaw ghal inkonvenjent ta` distorbju u ksur tal-mistrieh tal-girien ... ... il-hsejjes emessi mill-makkinarju li l-izjed li qeghdin jirritaw u jdejjqu huma l-hsejjes eccessivi generati mit-tlett fridge freezers u partikolarment mill-blast freezer imhaddmin flimkien matul il-hinijiet bikrin ta` bil-lejl (09.00p.m. u l-11.00p.m.) u aktar dawk kmieni filghodu (05.00a.m. sa 07.00a.m.) ... L-ezistenza ta` hsejjes irritanti u eccessivi giet konfermata" ;*

*7. Illi nonostante illi l-intimat gie misjub hati mill-Qorti ta` Gudikatura Kriminali permezz tas-sentenza tal-21 ta` Marzu 2007, immultat Lm50 u moghti tlett xhur biex jirrimedja taht penali ta` Lm10 kuljum, baqa` ma ghamel xejn – anzi, biex ma jinghadx li l-hsejjes zdiedu flok ittaffew ;*

*8. Illi ghalhekk kontestwalment mal-presenti r-rikorrenti ppresentaw mandat ta` inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jigi ordnat jieqaf milli jkompli juza dak il-makkinarju li johrog minnu l-istorbju lamentat ;*

*9. Ighid ghalhekk l-intimat ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex (1) tiddikjara illi l-hsejjes li jemanaw mill-istabbiliment tal-intimat huma rritanti u eccessivi, kif ikkonkluda l-espert imqabbad mill-Qorti ta` Gudikatura Kriminali u cioe` l-Professur Joseph A Agius, u dawn ghad-dannu, pregudizzju u inkonvenjent ghar-rikorrenti, u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta` perit gdid nominat minn din il-Qorti (2) tordna lill-intimat sabiex jieqaf definittivament, immedjatament u bla ebda dewmien iehor milli jkompli jdejjaq lir-rikorrenti bil-hsejjes li jemanaw mill-istabbiliment gestit mill-intimat – kollox isir taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti joghgobha timponi.*

*B`riserva ta` kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti inkluzi dawk ghall-hrug, in difett li l-intimat jimxi mal-ordnijiet li sejra taghti din il-Qorti li huwa jigi*

*kkundannat bhala hati ghal disprezz lejn l-awtorita` taghha u konsegwentement tordna li jigu istitwiti proceduri ghal tali skop kif ukoll li jinhareg kontra l-intimat mandat in factum li ghandu jibqa` in vigore sakemm l-istess intimat jonora l-ordni tal-istess Qorti u bl-ispejjes kontra l-intimat inkluzi dawk tal-mandat ta` inibizzjoni presentat kontestwalment mal-presenti kontra l-intimat li minn issa jibqa` ngunt ghas-subizzjoni tieghu.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenut Paul Azzopardi presentata fit-30 ta` April 2007 li taqra hekk –

*1. In-nullita` tal-azzjoni odjerna stante li minkejja li r-rikors fl-ismijiet hawn fuq premessi ma huwiex bil-procedura tal-giljottina (Art.167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta) l-esponenti rcieva rikors guramentat bl-avviz biex iwiegeb fi zmien ghoxrin jum minn notifika 'ngassat bl-inka kif ser jirrizulta waqt il-gbir tal-provi fuq dina l-eccezzjoni' ;*

*2. Minghajr pregudizzju l-esponenti ma huwiex il-legittimu kuntradittur stante li l-hanut Paparukei Confectionary huwa gestit mhux minn l-eccipjenti izda minn socjeta` kummercjali ;*

*3. Illi r-rikorrenti / atturi ghandhom ai termini tal-Art.156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta jiccaraw taht liema disposizzjoni tal-Ligi huma qed jibbazaw il-pretenzjoni taghhom ;*

*4. Illi l-Prim`Awla tal-Qorti Civili ma ghandhiex kompetenza tisma u tiddeciedi lanjanzi tat-tip li ressqu l-atturi fir-rikors fl-ismijiet premessi u dana ghaliex tali lmenti ghandhom jigu mismugha u decizi (kif di fatti l-atturi*

*sal-presentata ta` dawn l-eccezzjonijiet qed jaghmlu) mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali taht disposizzjonijiet tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*5. Illi minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici ma ghandhomx jigu milqugha fil-mertu u dana peress li l-esponenti ma huwa qed jaghmel ebda hsejjes irritanti u eccessivi u li ghalhekk konsegwentement jistghu possibilment idejqu lil haddiehor ;*

*6. Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta` Mejju 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (fol 10) fejn id-difensur tal-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-istess udjenza fejn akkordat it-talba li saret mid-difensur tal-atturi sabiex jigi korrett l-okkju tal-kawza billi l-isem tal-intimat jigi sostitwit bil-kliem “Paparukei Catering Limited C8325” u ordnat il-korrezzjoni kif mitluba.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tas-27 ta` Gunju 2007 (fol 11) fejn hatret lil Peter Bonello bhala espert tekniku sabiex jirrelata dwar il-hsejjes lamentati mill-atturi.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tal-25 ta` Jannar 2008 (fol 13) fejn issostitwiet lil Peter Bonello bhala perit tekniku u hatret lill-Perit Valerio Schembri minfloku bl-istess inkariku.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tat-28 ta` Marzu 2008 (fol 15) fejn issostitwiet lil Perit Valerio Schembri bhala perit tekniku u hatret lill-Perit Mario Cassar minfloku bl-istess inkariku.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku (fol 19 sa 26) li kienet presentata fil-25 ta` Awissu 2008, u konfermata bil-gurament fl-udjenza tal-31 ta` Ottubru 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (fol 18).

Rat il-verbal tal-access (fol 69-70) li din il-Qorti ghamlet fil-post tal-kwistjoni bejn il-partijiet fid-19 ta` Jannar 2010 fit-3.00 p.m., fejn kienet assistita mill-perit tekniku Perit Mario Cassar. Waqt l-access, id-difensur tal-konvenuti informa lill-Qorti illi sa mhux aktar tard minn tliet xhur minn dakinhar u cioe` sad-19 ta` April 2010, il-konvenuti kienu sejrin jivvakaw mill-post u jirritornaw il-pussess tieghu lil sid il-kera.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-1 ta` Marzu 2010 (fol 74) fejn id-difensur tal-konvenuti rega` kkonferma li sat-30 ta` April 2010 il-konvenuti kellhom jivvakaw mill-fond minn fejn qed joperaw u ghalhekk l-inkonvenjent allegat mill-atturi kellu, fejn jirrigwarda l-konvenuti, jintemm ghal kollox.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta` Mejju 2010 (fol 75) fejn id-difensur tal-atturi nforma lill-Qorti li l-konvenut kien ghadu ma vvakax il-fond pero` kien previst li jaghmel hekk sat-30 ta` Gunju 2010.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta` Lulju 2010 (fol 77) fejn id-difensur tal-konvenut informa l-Qorti li l-makkinarju kollu li allegatament kien qed jikkawza hsejjes u nkonvenjent lill-atturi kien thehha ghal kollox.

Rat in-nota tal-atturi tas-6 ta` Awissu 2010 (fol 78) fejn informaw lill-Qorti illi filwaqt li l-volum tal-hsejjes naqas fl-intensita` tieghu kien ghad hemm hsejjes li jemanaw mill-fond de quo li ghadhom idejjquhom u kienu qeghdin jittamaw li sal-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2010 il-konvenut izomm mal-weghda tieghu li jaghlaq darba ghal dejjem l-istabbiliment tieghu u b`hekk jispicca l-inkonvenjent lamentat minnhom.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2010 (fol 79) fejn, wara li ha konjizzjoni tan-nota tal-atturi tas-6 ta` Awissu 2010, waqt li kkonferma li kien tnehha l-makkinarju li allegatament kien qieghed johloq inkonvenjent lill-atturi, ikkonferma wkoll li kien ghad hemm xi attivita` ghaddejja fil-fond tal-konvenut ta` natura temporanja fiz-zmien, peress li l-konvenut kien qieghed jistenna li jcaqalaq l-ahhar attvitajiet tieghu lejn il-post il-gdid mnejn sejjer jopera, MEPA *permettendo.*

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta` Dicembru 2010 (fol 80) fejn id-difensur tal-atturi nforma l-Qorti li l-istorbju kien ghadu ghaddej fil-post.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta` Dicembru 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu* ghall-udjenza tat-28 ta` Frar 2011.

Rat li s-sentenza ma nghatatx fl-udjenza tat-28 ta` Frar 2011 peress illi din il-Qorti kienet tehtieg aktar zmien biex taghti s-sentenza, liema sentenza qeghda tinghata llum billi ma rrizulta l-ebda ostakolu ghall-ghoti tas-sentenza.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Relazzjoni peritali</u>

Mir-relazzjoni jirrizulta hekk –

1) Meta sar l-ewwel access fit-28 ta` April 2008 fis-7.00 p.m., il-perit tekniku ma setax jiehu mill-fond tal-atturi *readings* tal-hsejjes provenjenti mill-fond gestit mill-kumpannija konvenuta minhabba li l-*background noise* tat-traffiku kien eccessiv u kien jirrendi ir-*readings* irrilevanti ghall-iskop ta` l-esercizzju.

2) Ghalhekk sar access iehor fis-27 ta` Mejju 2008 fl-10.30 p.m., fejn il-perit tekniku ha diversi *readings* ta` hsejjes b`*sound pressure level meter* tal-marka *Smart Sensor AR 824* li huwa strument elettroniku digitali li jkejjel il-hsejjes.

3) Mill-fond tar-residenza tal-atturi Axiaq, il-perit tekniku ha *A weighted readings* indirizzati ghat-tip ta` hsejjes lamentati. It-*threshold* ta` disturb jew il-livell massimu ta` hsejjes accettabbli bil-lejl f`postijiet ta` mistrieh huwa ta` 40 dbA. Il-hsejjes kienu intermittenti izda regolari fil-frekwenza taghhom. Il-varjazzjoni fir-*readings* kienet kollegat direttament ma` makkinarju tal-friza sitwat fil-fond tal-kumpannija konvenuta li jahdem jew b`*timer* inkella jigi *triggered* b`varjazzjoni fit-temperatura tal-makkinarju stess (*thermostatic*).

4) Ha wkoll *C weighted readings* ghaliex il-hsejjes kienu l-aktar vibrazzjonijiet ta` frekwenza baxxa, li jvarjaw bejn 20 Hz u 150 Hz, li l-*A weighted readings* ma jirregistrawx u li huma trasmessi mill-hajt tal-appogg ta` terzi li jinsab oppost il-fetha fil-fond tal-kumpannija konvenuta li minnha jigi emess il-hoss u li qieghed jirrifletti l-hsejjes ghal fuq il-bini tal-atturi.

5) Il-perit tekniku ta skeda tar-*readings* tieghu u, wara li ghamel analizi taghhom, ikkonkluda li -

a) l-atturi qeghdin isofru inkonvenjent minn vibrazzjonijiet/hsejjes prodotti minn makkinarju li jinsab fil-fond tal-kumpannija konvenuta.

(b) l-akbar disturb huwa tal-atturi Axiaq ghax il-fond taghhom jinsab kwazi fl-istess livell ta` fejn qieghed il-makkinarju ta` refrigerazzjoni fil-fond tal-kumpannija konvenuta.

(c) ma tantx hemm x`jista` jsir biex jigi eliminat jew jitnaqqas aktar l-inkonvenjent billi dan jista` jigi kontrollat sa certu punt ghax il-vibrazzjonijiet/hsejjes qeghdin jigu trasmessi minn hitan ta` appogg komuni.

d) l-istabbiliment tal-kumpannija konvenuta bil-makkinarju ta` go fih mhux ideali li jkun f`zona residenzjali.

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza **"<u>Calleja *noe* vs Mifsud</u>"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk dwar il-qies li ghandha tinghata perizja teknika –

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta` l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta` l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta` natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta` espert in materja. B`danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b`lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li*

*tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta` natura teknika.*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhijiex marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak *ma jfissirx pero` illi qorti dan tista` taghmlu b` mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni*
*kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b` ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* (“**Grima vs Mamo et noe” –** Qorti tal-Appell – 29 ta` Mejju 1998)**.**

*Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* (“**Cauchi vs Mercieca” –** Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 **; “Saliba vs Farrugia**” – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 u “**Calleja *noe* vs Mifsud**” – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Il-*giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta` talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*” – (“**Bugeja *et* vs Muscat et” –** Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta bhala fatt li wara li kien prezentat u mahluf r-rapport peritali, la saret talba mill-partijiet ghall-hatra ta` periti addizzjonali, la saret talba ghall-eskussjoni tal-perit tekniku, u lanqas kien hemm kontestazzjoni tar-rapport peritali.

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti sejra toqghod fuq l-accertamenti teknici li saru mill-perit gudizzjarju, ghax dawk huma kompetenza tieghu u ma gewx kontestati. Ghar-rigward tal-konkluzjonijiet peritali, din il-Qorti sejra tipprovdi konformement anke wara li tqis l-aspetti ta` dritt attinenti ghall-kaz.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Dritt</u>**

L-ewwel eccezzjoni kienet ritirata fl-udjenza tal-4 ta` Mejju 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (fol 10). Ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra taghtiha aktar konsiderazzjoni.

L-istess sejra taghmel fir-rigward tat-tieni eccezzjoni ghaliex, ghalkemm l-eccezzjoni ma gietx ritirata formalment ritirata, il-konvenut ma kienx irregistra opposizzjoni ghat-talba li saret mill-atturi fl-udjenza tal-4 ta` Mejju 2007 sabiex l-isem tal-konvenut jigi korrett fis-sens li minflok jibqa` *Paul Azzopardi* jsir *Paparukei Catering Limited C8325* liema talba kienet milqugha. Ghalhekk it-tieni eccezzjoni qeghda tkun respinta.

It-tielet eccezzjoni qeghda tkun michuda wkoll ghaliex ghalkemm il-konvenut kien qieghed jippretendi li skond l-Art.156(1)(a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta l-atturi kellhom ighidu taht liema disposizzjoni tal-ligi huma qed jibbazaw il-pretenzjoni taghhom, dan mhuwiex il-kaz

ghaliex li titlob id-disposizzjoni citata mill-konvenut huwa li *r-rikors guramentat ghandu … jkun fih … dikjarazzjoni li tfisser b`mod car u sewwa l-oggett tal-kawza f`paragrafi numerati separatament sabiex isahhah it-talba tieghu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment*. L-attur mhuwiex obbligat, skond id-disposizzjoni citata mill-konvenut, li jindika specifikament l-artikolu/i tal-ligi li abbazi tieghu/taghhom qieghed jagixxi.

Dwar ir-raba` eccezzjoni, din il-Qorti tghid li din ma ghandha l-ebda fondament fid-dritt ghaliex l-Art.3(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi li *kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni civili*. Mela jekk, kif irrizulta bhala fatt mhux kontestat, li l-mertu tal-kawza tal-lum kien *wkoll* il-mertu ta` proceduri kriminali, dak il-fatt ma jirrendix lil din il-Qorti nkompetenti milli tisma` u tiddeciedi lanjanzi tat-tip li ressqu l-atturi fir-rikors guramentat propju. Anzi, bil-maqlub ta` dak pretiz mill-konvenut, dik id-disposizzjoni u l-ohra ta` warajha u cioe` l-Art.3(2) issostni l-kompetenza ta` din il-Qorti li tittratta u tiddeciedi din il-kawza. Ghalhekk ir-raba` eccezzjoni qeghda tkun rigettata wkoll.

Il-hames eccezzjoni hija fil-mertu.

Din il-Qorti diga` ccitat gurisprudenza fis-sens li l-kostatazzjonijiet, konsiderazzjonijiet u opinjonijiet ta` espert tekniku jikkostitwixxu **prova ta` fatt** u bhala tali ghandhom jigu meqjusa mill-Qorti. Fil-kaz tal-lum, il-hames eccezzjoni ma ssibx sostenn fir-relazzjoni tal-perit gudizzjarju ghaliex fl-ewwel konkluzjoni tieghu, il-perit tekniku ighid li l-vibrazzjonijiet u l-hsejjes gejjin mill-makkinarju istallat fil-fond tal-kumpannija attrici qieghed jikkaguna inkonvenjent lill-atturi. Din il-kostatazzjoni, li tikkostitwixxi prova ta` fatt, hija korraborata oggettivament fl-ewwel lok minn dak li rrizulta fil-proceduri kriminali istitwiti kontra Paul Azzopardi u li ghalihom saret riferenza fil-hames, fis-sitt u fis-seba` paragrafi tar-rikors guramentat u fit-tieni lok mid-dikjarazzjoni li saret mid-

difensur tal-kumpannija konvenuta fis-sens li l-makkinarju in kwistjoni kien tnehha ghal kollox (fol 77) fatt li kien kontestat minn dikjarazzjoni ohra tad-difensur tal-atturi fis-sens li l-istorbju kien ghadu dak li kien (fol 80).

Mil-lat ta` dritt, din il-Qorti tghid hekk.

Huwa principju rikonoxxjut kemm –il darba fil-gurisprudenza taghna illi l-molestja ghandha tigi sopportata mill-vicin meta ma tkunx gravi, u ma tkunx gravi jekk ma teccedix il-limiti tat-tolleranza (**<u>“Muscat vs Falzon”</u>** – Kollez. Vol. XXXVI.I.233, **<u>“Testa vs Bruno et noe”</u>** – Appell Kummercjali – 30 ta` Mejju 1988 u ohrajn). L-eccess ghandu jigi repress ghaliex huwa lesiv ghall-buon vicinat. Fl-istess waqt, inkonvenjent jigi repress jekk oggettivament ikun serju, sostanzjali u mhux ragonevoli.

Anke mill-access li din il-Qorti stess ghamlet fuq il-post irrizulta li fil-pjan terren il-fond tal-kumpannija konvenuta jintuza bhala hanut ghall-bejgh ta` prodotti ta` *confectionary* u ancillary, filwaqt li sovrapost ghall-hanut hemm fabbrika zghira li tipproduci l-prodotti li jinbieghu mill-hanut jew ghal barra. Din il-Qorti rat il-makkinarju in kwistjoni qieghed jahdem, u rat l-*outlets* tieghu ghal barra. Dan il-“*barra*” mhuwiex it-triq izda l-arja ta` ambjenti li qeghdin aktar fil-baxx u mdawra minn hitan tal-appogg. Kif ikkostata l-perit tekniku, il-hsejjes u l-vibrazzjonijiet li jaghtu ghal din l-arja jahbtu mal-hitan tal-appogg li huma aktar gholjin mill-posizzjoni tal-*outlets* u jidwu b`effett negattiv fuq l-ambjenti fejn joqghodu l-atturi b`inkonvenjent car u manifest ghalihom.

Mhux kontestat li din il-“fabbrika” tal-kumpannija konvenuta kienet debitament licenzjata. Pero` kwalsiasi licenza li tista` tinhareg a favur tal-kumpannija konvenuta ma tippregudikax id-drittijiet ta` terzi li jitolbu r-rimozzjoni anke ta` makkinarju jekk ikun qieghed jikkostitwixxi molestja (Qorti tal-Appell - 17 ta` Gunju 1955 – **<u>“Farrugia</u>**

**et vs Borg et"**). L-uzu tal-makkinarju ghandu jkun dejjem skond u fil-limiti tal-ligi, u ma jista` qatt ikun sors ta` inkonvenjent ghall-girien specjalment meta l-attivita` kummercjali tigi kondotta f`zona residenzjali bhal ma hija dik in kwistjoni. (Appell Kriminali – 16 ta` Dicembru 1946 – **"Il-Pulizija vs Cuschieri et**")

Fil-kaz tal-lum irrizulta li l-atturi qeghdin isofru inkonvenjent tort tal-kumpannija konvenuta. Din il-Qorti tghid li hemm responsabilita` civili fir-rigward tal-kumpannija konvenuta ghaliex kienet ecceduta l-mizura tal-bon vicinat. Il-hsejjes accertati mill-perit tekniku bhala eccessivi fil-kuntest ta` zona residenzjali bhal dik in kwistjoni jikkostitwixxu molestja fil-konfront tal-atturi li ghalhekk ghandhom dritt jitolbu rimedju minn din il-Qorti (ara **"Bugeja vs Washington"** – Kollez. Vol. XVI.I.38 u **"Briffa vs Aquilina"** – Appell – 15 ta` April 1966 fost ohrajn).

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta.**

**Riferibbilment ghall-ewwel talba, tiddikjara li l-makkinarju kollu ta` refrigerazzjoni li huwa mhaddem jew b`*timer* jew jigi *triggered* b`varjazzjoni ta` bdil fit-temperatura ta` l-istess makkinarju (*thermostatic*) li hemm fil-fond "*Paparoukei Confectionary*" sitwat fi Triq Patrick Stuart, Gzira, u li huwa gestit mill-kumpannija konvenuta, liema makkinarju ghandu *outlets* li jaghtu lejn in-naha ta` wara tal-istess fond tal-kumpannija konvenuta, qieghed jikkaguna hsejjes u vibrazzjonijiet li jikkostitwixxu inkonvenjent u molestja fil-konfront tal-atturi li jghixu fil-blokk ta` appartamenti 160, The Strand, Gzira.**

**Riferibbilment għat-tieni talba, tordna li b`effett mil-lum jieqaf għal kollox l-użu tal-makkinarju kollu fuq riferit.**

**Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex tħallas l-ispejjeż kollha ta` din il-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------